**KunsillLokali – Marsaxlokk – Local Council**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

IS-SEBA’ LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 33

12 ta’ Jannar 2017

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fil-5:00 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI**:

Horace Gauci – Sindku
Steven Grech – Viċi Sindku
Daniel Zerafa – Kunsillier
Janice Chetcuti – Kunsilliera
Stephen Caruana - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI**:

Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 33.1 | Qari ta' Ittri ta' Apologiji |
| 33.1.1 | Ma kienx hemm |
| 33.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 33.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, seduta numru 32, kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija. |
| 31.2.2 | Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Stephen Caruana issekondata mis-Sur Horace Gauci, il-minuti ta' seduta 32, gew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti. |
| 31.2.5 | Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bħala dokument korrett. |
| 33.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 33.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi kienet inzammet laqgha bejn il-Kunsill Lokali, l-Awtorita' tad-Djar u l-amministraturi tal-blokki maghzula bil-ghan illi jigi ffirmat kuntratt bejn l-istess Awtorita' tad-Djar u l-amministraturi |
| 33.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi flimkien mas-Segetarju Ezekuttiv kien iltaqa' mal-kumpanija GO u kienu gew iccarati diffikultajiet li kien hemm b'konnessjoni ma' applikazzjoni li kienet issottomettiet GO plc ghal installazzjoni ta' arblu fiz-zona ta' Delimara. |
| 33.3.3 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-3 ta' Jannar 2017 kienet inzammet laqgha ghall-haddiema assenjati bil-ghan illi jigu ccarati diffikultajiet li kien hemm fl-operat tal-istess haddiema assenjati. |
| 33.3.4 | Is-Sindku qal illi nhar id-9 ta' Jannar 2017 kienet inzammet laqgha mal-ufficjali inkarigati mill-Pjan ta' Rigenerazzjoni ta' Marsaxlokk fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru. Is-Sur Gauci ghadda dettalji ta' dak li kien gie diskuss |
| 33.3.5 | Is-Sur Horace Gauci informa lill-Kunsilliera prezenti illi nhar id-9 ta' Jannar 2017, il-Kunsill Lokali kien iltaqa' mas-Sur Kurt Cini li kien issottometta applikazzjoni ghal zvilupp fi Triq iz-Zejtun. |
| 33.3.6 | Is-Sindku in forma lill-Kunsill Lokali illi kienet inzammet laqgha rigward mizura FAEZR 4.4 li kienet taqa' taht il-firxa ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni Ewropeja. Is-Sur Gauci zied jghid illi kienet qieghda tigi evalwa l-possibilita' illi tigi sottomessa applikazzjoni relatata maz-zona ta' NATURA 2000 (Il-Ballut ta' Marsaxlokk). |
| 33.3.7 | Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi nhar it-12 ta' Jannar 2017 kien instema l-kaz tal-applikazzjoni ghal parkegg wara l-grawnd tal-futbol bhala parti mill-pjan ta' rigenerazzjoni, liema applikazzjoni kienet giet approvata mill-awtorita' tal-Ippjanar. |
| 33.4 | Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera |

| | |
|---|---|
| 33.4.1 | Is-Sur Steven Grech staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv 'Rigward ic-*Central Strip* li hemm quddiem il-Kunsill hemm xi hsieb meta ser tigi rrangata?'' Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi kienu ghaddejjin diskussjonijiet mal-Gvern Centrali sabiex ix-xoghol jigi inkluz fil-pjan ta' Rigenerazzjoni li kien qieghed jigi implimentat. |
| 33.4.2 | Is-Sur Steven Grech staqsa lis-Segretarju Ezekuttiv ''Jista' jghid jekk il-fanali tax-xatt hux ser jinbidlu?''. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien hemm kwotazzjoni li kienet ser tigi diskussa aktar tard waqt l-istess seduta. |
| 33.4.3 | Is-Sur Steven Grech staqsa '' Jista' jsir dawl mal-palm tax-Xatt?''. Is-Segretarju Ezekuttiv qal il-materja kienet tinhtieg decizjoni min-naha tal-Kunsill Lokali. |
| 33.4.4 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Tista' issir laqgha ma' tal-koperativa dwar il-boatyard li kien ippropona l-Kunsill?" Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-materja kienet titlob decizjoni tal-Kunsill Lokali. Kien hemm diskussjoni dwar il-mod li bih kienet ifformulata l-mistoqsija |
| 33.4.5 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Ikkuntattjajna xi perit bhalma konna ghidna li ha ngibu minhabba l-patching tat-toroq?" Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hekk kif deciz mill-Kunsill Lokal kiener ser tinhareg sejha ghall-offerti ghas-servizzi ta' perit. Dwar il-patching kien ghadu ma sar ebda kuntattt ma' perit. |
| 33.4.6 | Is-Sur Steven Grech staqsa "Fejn wasalna dwar il-bandli ta' Gnien il-Familja?" Is-Segretarju Ezekuttiv qal li fis-seduta segwenti kien ser ikun hemm id-dokumenti li kellhom jghinu lill-Kunsill Lokali jiehu decizjoni dwar il-materja. |
| 33.4.7 | Is-Sur Steven Grech staqsa " Ha naghmlu xi target date biex nikkonkludu dwar il-monti u l-Imwejjed u siggijiet?" Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-materja kienet tiddependi mill-ufficjali tal-Ufficju tal-Prim Ministru likienu qieghdin jikkordinaw ix-xogholijiet. |
| 33.5 | Rapporti |
| 33.5.1 | Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport (DOK A) imhejji mill-bord mahtur mill-Kunsill Lokali b'konnessjoni ma' sejha interna ghal ufficjal ezekuttiv fi hdan il-Kunsill Lokali, liema rapport kien qieghed jirrakkomanda illi s-Sa. Joan Mifsud tinghata l-kariga msemmija. Wara diskussjoni qasira, fuq propsota tas-Sur Steven Grech issekondat mis-Sur Daniel Zerafa il-Kunsill unanimament qabel illi japprova r-rakkomandazzjoni tal-bord u tinhatar is-Sa. Joan Mifsud fil-kariga ta' Ufficjal Ezekuttiv. |
| 33.5.2 | Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali abbozz tal-estimi finanzjarji ghas-sena 2017. Is-Sur Gauci zied jghid illi hekk kif legalment stabbilit, l-imsemmi rapport kien gie pprezentat waqt il-laqgha generali annwali li kienet inzammet f'Dicembru 2016 u diskuss mill-kumitat tal-finanzi. |
| 33.5.3 | Waqt diskussjoni libera gie deciz illi kellu jkun hemm nuqqas tas-servizzi li kienu |

| | |
|---|---|
| | jinghataw mis-Sa. Gemma Cuschieri u li kellu jinqata' x-xiri tal-gurnali. |
| 33.5.4 | Fuq proposta tas-Sur Horace Gauci issekondat mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-estimi finanzjarji ghall-2017 hekk kif proposti. |
| 33.6 | Performance Bonus tas-Segretarju Ezekuttiv |
| 33.6.1 | Is-Sur Horace Gauci qal illi kien ha hsieb jevlawa l-hidma tas-Segretarju Ezekuttiv matul l-2016. Huwa ressaq fuq il-mejda, kopja tal-performance appraisal ghas-segretarju Ezekuttiv ghall-2016 ghall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |
| 33.6.2 | Wara kunsiderazzjoni, fuq proposta' tas-Sa. Janice Chetcuti ssekondata mis-Sur Steven Grech u li ghaddiet b'votazzjoni unanima il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jirrakkomanda illi s-Sur Hall jinghata l-massimu ta' 10% tal-performance bonus.<br>Is-Sur Hall irringrazzja lill-Kunsilliera prezenti. |
| 33.7 | Karnival 2017 |
| 33.7.1 | Is-Sur Horace Gauci ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali proposta ta' programm ghall-karnival 2017. Wara li inghataw id-dettalji tal-attivita' proposta, li kiener ser tiswa' s-somma ta' €1500, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tittella' attivita' bil-programm propost. |
| 33.8 | Korrispondenza |
| 33.8.1 | Permezz ta' e-mail datat 29 ta' Dicembru 2016, is-Sa. Lorraine Galea, ghalliem fl-iskola primarja ta' Marsaxlokk talbet lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jsiru xbieki fi grawnd li kien hemm fil-konfini tal-istess skola.<br>Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi kellhom jinkisbu kwotazzjonijiet. |
| 33.8.2 | Permezz ta' e-mail datat 23 ta' Dicembru 2016, is-Sindku wiegeb ilment li kien wasal minghand is-Sur Christian Camilleri rigward nuqqas ta' accessibilita' fi Triq San Frangisk. |
| 33.8.3 | E-mail datat 14 ta' Novembru 2016 li permezz tieghu is-Sur Louis Borg Falzon informa lill-Kunsill Lokali b'xogholijiet li kien ser jaghmel mal-faccata tar-residenza tieghu u talab illi titnehha lampa u wajers li kien hemm.<br>Wara diskussjoni libera, filwaqt li ma nstabet ebda oggezzjoni, kien hemm qbil illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghat-talba, gie deciz illi s-Sur Borg Falzon kellu jintalab jaghmel tajjeb ghall-ispejjez sabiex isir ix-xoghol miltub minnu. |
| 33.8.4 | Permezz ta' e-mail datat 6 ta' Jannar 2017, il-Perit Edric Micallef, f'isem Transport Malta, ccara mistoqsijiet li kien hemm rigward partijiet mill-bankina li kien hemm fi Triq iz-Zejtun. |
| 33.8.5 | E-mal datat 9 ta' Jannar 2016 li permezz tieghu is-sur Andre Zammit, mill-Awtorita' Maltija ghat-turizmu informa lill-Kunsill Lokali illi l-*Food Safety Unit* fi hdan l-istess awtorita' kien inghata struzzjonijiet sabiex jiddetermina l-ammont ta' mwejjed u siggijiet li stabbilimenti seta' jkollhom. |
| 33.8.6 | E-mail datat 10 ta' Jannar 2017 li permezz tieghu, il-Kunsillier Daniel Zerafa ccara |

| | |
|---|---|
| | cirkostanza relatata ma' comba tad-dawl fi Triq Xatt is-Sajjieda. |
| 33.8.7 | E-mail datata 5 ta' Jannar 2017, li permezz taghha l-assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ghaddiet informazzjoni dwar laqgha plenarja li kienet ser tinzamm nhar is-Sibt 4 ta' Marzu 2017. |
| 33.8.8 | Applikazzjonijiet minghand is-sinjuri Carmelo Bugeja, Paul Caruana u Joseph Galea sabiex itellghu opri tal-bahar fuq l-art.<br>Wara li inqraw id-dettalji tat-talbiet gie deciz illi mihabba ragunijiet legali ma setghux jinhargu l-permessi mitluba. |
| 33.8.9 | Permezz ta' ittra li waslet ghand il-Kunsill Lokali nhar il-21 ta' Dicembru 2016, is-Sur Christian Vella talab permess sabiex ikun jista' jbiegh haxix minn vettura fi Triq Xatt is-Sajjieda.<br>Wara li gie stabbilit illi s-Sur Vella kellu l-permessi mehtiega, kien hemm qbil illi kellha tintalab laqgha lil Transport Malta bil-ghan illi l-Kunsill Lokali jinghata parir. |
| 33.8.10 | Stima datata 6 ta' Jannar 2017 minghand Calleja Ltd. ghal bicciet minn fanali ornamentali.<br>Wara li s-Sindku spjega li l-istima, li kienet tammonta ghal **€**559.98 kienet ser isservi sabiex jissewwew fanali f'Xatt is-Sajjieda, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jidhol ghall-ispiza hali jsiru x-xogholijiet. |
| 33.8.11 | Permezz ta' avvizi li deheru fil-Gazzetta tal-Gvern l-Awtorita' tal-Ippjanar habbret li kienet irceviet applikazzjonijiet ghal zvilupp bin-numri PA/00773/16, PA/02665/16, PA/03979/16, PA/04211/16, PA/06675/16, PA/05253/16, PA/07602/16, PA/07748/16, PA/07675/16, PA/03891/16, PA/04695/16, PA/06752/16, PA/06916/16, PA/07624/16, PA/04816/16, PA/0635-/16, u PA/07820/16<br><br>Wara li gew evalwati l-applikazzjonijiet gie deciz illi kellha tintalab site plan u dettalji dwar PA/07820/16. |
| 33.8.12 | Permezz ta' e-mail datat 5 ta' Jannar 2017, is-Sur Matthew Bugeja, f'isem l-ghaqda 8 ta' Mejju talab lill-Kunsill Lokali xoghol fuq hofor tal-arbli fi Triq Xatt is-Sajjieda u Triq iz-Zejtun.<br>Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera illi filwaqt li l-hofor ta' Triq Xatt is-Sajjieda ma setghux isiru ghal ragunijiet ta' sigurta', kellhom jintalbu dettalji dwar il-hofor li kien qieghed jigi propost li jsiru fi Triq iz-Zejtun. |
| 33.09 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti. |
| 33.09.1 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru. 1/17 ) ghall-approvazzjoni. |
| 33.09.2 | Fuq mozzjoni tas-sur Steven Grech, issekondat mill-Kunsillier Stephen Caruana, il- Kunsill Lokali unanimament approva il-pagament inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti |
| 33.09.3 | Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' petty cash mahrug matul Dicembru 2016 ghall-approvazzjoni. |

| | |
|---|---|
| 33.09.4 | Fuq mozzjoni tas-sur Steven Grech, issekondat mis-Sindku, il- Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 33.10 | Tmiem tal-Laqgha u data tas-seduta li jmiss |
| 33.10.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar il-Hamis 9 ta' Frar 2017 fl-4:30p.m. |

Konfermati, illum 9 ta' Frar 2017

IFFIRMATA

________________

Horace Gauci
Sindku

IFFIRMATA

__________________

Duncan Hall
Segretarju Eżekuttiv